VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,960, 13 ta' Marzu, 2018
Taqsima B

A.L. 80 tal-2018

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Advocacy – M.Adv. – u għall-Grad ta' Master of Notarial Studies – M.Not.St. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2018 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Advocacy – M.Adv. – u għall-Grad ta' Master of Notarial Studies – M.Not.St. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Advocacy – M.Adv. – u għall-Grad ta' Master of Notarial Studies – M.Not.St. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi, ippubblikati bħala Avviż Legali 455 tal-2014, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar, 2018 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 11 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) L-istudenti huma meħtieġa jgħaddu mill-komponenti kollha tat-taqsima studju tal-prattika professjonali. Jekk l-istudenti jeħlu, jew għal xi raġuni valida approvata mis-Senat, ma jtemmux kwalunkwe komponent tat-taqsima studju tal-prattika professjonali fl-ewwel jew fit-tieni semestru, għandhom jitħallew jirrepetu dak il-komponent li weħlu fih fis-sessjoni supplementari tal-eżamijiet, filwaqt li l-istudenti li jeħlu, jew li għal xi raġuni valida approvata mis-Senat, ma jtemmux kwalunkwe komponent tat-taqsima studju tal-prattika professjonali fit-tielet semestru, għandhom jitħallew jirrepetu dak il-komponent fis-sessjoni tal-eżamijiet skedata li jmiss matul sena addizzjonali ta' studju."